MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Appell Kriminali Numru. 75/2008

**Il-Pulizija
Vs
Concetta Galea**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta’ Settembru, 2007, ghall-habta ta’ 21.15 hrs, waqt li kienet gewwa r-residenza taghha “Conton”, Xghajra Street, Zabbar, ingurjat jew heddedt bi kliem lil John Farrugia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Marzu, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ghall-piena ta’ Euro 46.59 ammenda, ekwivalenti ghal LM20.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-17 ta' Marzu, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta w kwindi tilliberaha skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji kollha tal-appellanti.

Semghet ix-xhieda kollha fis-seduta tal-lum u senjatament dik ta' John Farrugia, l-Ispettur Jesmond Borg, WPC Mary Grace Sciberras kif ukoll l-affidavit ta' WPC 156 Parascandolo w semghet ix-xhieda wkoll ta' l-appellanti bil-gurament.

Ikkonsidrat

Illi f'dan il-kaz id-diverbju li jidher li sar bejn l-appellanti w John Farrugia kien cirkoskritt ghalihom it-tnejn u ma kien hemm ebda xhud iehor prezenti w ghalhekk ebda wahda mill-verzjonijiet ma tinsab ikkorroborata minn xi xhieda ndipendenti. Ghalhekk jezisti konflitt fil-provi li johloq dubju dettat mir-raguni dwar l-allegata htija tal-appellanti w konsegwentement din il-htija ma tirrizultax pruvata sodisfacentement.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell ta' Maria Concetta Galea w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------